**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **632/2023 (AJD)**

**ZARB LORENZA VINCENZA SIVE LORA**
**DETENTRIĊI TAL-KARTA TA' L-IDENTITA' 0419355M**

**VS**

1. **L-AVUKAT TAL-ISTAT**
2. **CARMELO SIVE CHARLES CARUANA *"DE PROPRIO"***
**DETENTUR TAL-KARTA TA' L-IDENTITA' 413853M U**
3. **RITA AGIUS *"DE PROPRIO"***
**DETENTRIĊI TAL-KARTA TA' L-IDENTITA' 637857M**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, l-ewwel (1) ta' Novembru, 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte*** **limitatament** rigward żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Avukat tal-Istat, illi permezz tagħhom qiegħed jeċċepixxi: (a) illi din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi r-

rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tagħha; u (b) illi l-azzjoni hija prematura u intempestiva;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. Jirriżulta mir-rikors kostituzzjonali illi permezz tiegħu ġew intavolati l-proċeduri odjerni, illi r-rikorrenti intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet ***Zarb Lorenza Vincenza sive Lora detentriċi tal-Karta ta' l-Identita' 0419355M vs Caruana Carmelo sive Charles et*** (Nru 912/2021) u kawża fl-istess ismijiet (Rik Ġur Nru 214/2021 JD/JM). In segwitu għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, l-intimati Caruana u Agius intavolaw rikors nhar is-sebgħa (7) t'Awwissu 2023, illi permezz tiegħu talbu r-revoka tal-mandat. Ir-rikorrenti rrispondiet għal tali talba għar-revoka b'risposta intavolata nhar l-għaxra (10) t'Ottubru 2023;

3. Bir-rikors odjern, ir-rikorrenti tippremetti illi l-Bord li Jirregola l-Kera, presjedut mill-Maġistrat Dr Joe Mifsud, ta digriet fis-sbatax (17) t'Ottubru 2023, illi fih ngħad illi l-Bord *"Ra r-rikors; Jilqa' t-talba."* Il-mandat kawtelatorju ġie għalhekk revokat. Ir-rikorrenti ssostni illi dan id-digriet juri illi l-Bord laqa' t-talba mingħajr ma ħa konjizzjoni tar-risposta ppreżentata mill-konvenuta, bi vjolazzjoni tad-dritt tas-smigħ, ossia l-prinċipju t'*audi alteram partem*. Ir-rikorrenti ppreżentat rikors nhar it-tlieta u għoxrin (23) t'Ottubru 2023, illi permezz tiegħu impunjat id-deċiżjoni tal-Bord, u talbet ir-rekuża tal-Ġudikant għar-rigward tal-istess talba għal revoka, peress illi l-istess Ġudikant kien ġia esprima ruħu fuq ir-revoka mitluba. Il-Bord iddiferixxa s-smigħ u d-deċiżjoni tiegħu għal seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu 2024, iżda akkorda l-kontro-mandat fl-għoxrin (20) ta' Diċembru 2023. Ir-rikorrenti qiegħda ssostni għalhekk illi l-proċess illi permezz tiegħu ngħataw żewġ digrieti konfinġenti, u d-deċiżjoni minn Ġudikat illi jirrevoka mandat kawtelatorju mingħajr ma jiddeċiedi l-kawża fil-mertu filwaqt illi kien hemm pendenti talba għar-rekuża tiegħu, jilledu d-drittijiet fundamentali

tagħha kif protetti taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   a. Tiddikjara li d-digriet tas-17 t'Ottubru 2023 fl-Atti tar-Rikors 214/21 quddiem l-Onorabbli Bord tal-Kera kif ukoll id-Digriet ta' l-20 ta' Diċembru 2023 naxxenti mill-istess Digriet preċedenti huma leżivi fil-konfront ta' l-istess esponenti rikorrenti Zarb, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bi ksur tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

   b. Tiddikjara konsegwentement li l-istess Digriet tas-17 t'Ottubru 2023 huwa null u bla effett;

   c. Tiddikjara konsegwentement li d-Digriet ta' l-20 ta' Diċembru 2023 huwa null u bla effett;

   d. Tordna li peress li l-istess Maġistrat Sedenti għoġbu jiddekreta żewġ Digrieti konfinġenti, sabiex finalment wasal għall-istess għan primarju tiegħu billi jirrevoka l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 912/2021 bla biss ma kkonsidra r-Risposta ta' l-istess Esponenti Rikorrenti Zarb u bil-konsegwenza li ppreġudika l-posizzjoni tiegħu, ir-rekuża ta' l-istess Maġistrat sedenti milli jkompli jiddeċiedi kemm fuq l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 912/2021 kemm fuq Mandati oħra bejn l-istess partijiet fuq l-istess mertu, kif ukoll jastjeni milli jiddeċiedi l-istess meritu ta' l-istess Kawża insostenn, ossija Rikors Ġuramentat Nr 21/2021 JD/JM;

   e. Tordna li l-Atti kollha kemm ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 912/2021 kif ukoll il-Proċedimenti fl-istess Kawża insostenn, ossija, Rikors Ġuramentat Nr 214/2021 JD/JM fil-kawża fl-ismijiet *"Zarb Lorenza Vincenza sive Lora detentriċi tal-karta tal-identita' 0419355M vs Caruana Carmelo sive Charles et",* jintbagħtu

lura lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex dawn jiġu assenjati lill-istess Onorabbli Bord diversament presedut;

f. Tordna u tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u neċessarji skont il-Liġi li l-istess Onorabbli Qorti tara li huma xierqa u opportuni;

5. Mill-banda l-oħra, b'risposta datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2024, l-Avukat tal-Istat, apparti numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu, issolleva wkoll xi eċċezzjonijiet preliminari, u cioe:

> ***2. Illi b'mod preliminari, l-esponent jeċepixxi li r-rikorrenti setgħet tagħmel użu minn rimedji ordinarji disponibbli għaliha sabiex tappella mid-digriet li permezz tiegħu l-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera laqa' t-talba tal-kontroparti fil-proċeduri bin-numru 214/21JM għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru, u dana skont is-subartikolu 281(4) tal-Kap 12, liema subartikolu japplika għal mandat ta' sekwestru kawtelatorju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 849 u 846 tal-istess Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nuqqas, id-digriet jista' jiġi attakkat permezz ta' azzjoni ad hoc mibdija b'rikors ġuramentat. Dan apparti rimedji oħra disponibbli għar-rikorrenti li jindirizzaw il-lanjanza tagħha fil-mertu, bħal per eżempju li titlob lill-Bord sabiex urġentement jordna li jsiru xogħlijiet rimedjali taħt sorveljana ta' Perit sakemm jiġi deċiż il-mertu;***
>
> ***Billi għalhekk ir-rikorrenti kellha u għad għandha f'idejha rimedji ordinarji effettivi, m'hemmx lok għalfejn din l-Onorabbli Qorti għandha tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont kif imsemmi fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-***

***proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***3. Illi bla ħsara għal dan, l-esponent jeċepixxi illi l-azzjoni odjerna hija prematura u intempestiva, fl-ewwel lok billi jekk jintlaqgħu t-talbiet rikorrenti li ressqet permezz ta' rikors fil-proċeduri fuq imsemmija, liema rikors jinsab appuntat għas-smigħ, il-mertu ta' din l-azzjoni jkun eżawrit, u fit-tieni lok u marbut ma' dan, billi huwa ben magħruf illi sabiex isir eżami dwar allegat ksur ta' smigħ xieraq fi proċeduri ġudizzjarji ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, jeħtieġ li jsir eżami tal-proċeduri fit-totalita' tagħhom liema proċeduri għadhom għaddejjin;***

6. Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Frar 2024, il-kawża ġiet differita għall-provi u trattazzjoni dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat hawn fuq riprodotti;

7. Wara illi, fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Ġunju 2024, din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari hawn fuq riprodotti, u l-kawża ġiet differita llum għal sentenza preliminari dwar l-istess żewġ eċċezzjonijiet.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat;

10. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni Preliminari</u>**

12. Din il-Qorti tqis illi għandha tibda billi tindirizza t-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat tal-Istat, cioe, l-intempestivita' tal-proċeduri odjerni, u dan billi tara x'inhu dak illi qed jintalab mir-rikorrenti bil-kawża odjerna:

- Revoka tad-digriet tas-sbatax (17) t'Ottubru 2023;

- Revoka tad-digriet tal-għoxrin (20) ta' Diċembru 2023;

- Rikuża tal-Maġistrat Dr Joe MIfsud fuq il-Bord li Jirregola l-Kera fil-proċeduri tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 912/2021 u Rikors Ġuramentat Nru 214/2021 JD/JM;

13. Il-Qorti fl-ewwel lok tiċċara illi d-digriet tas-sbatax (17) t'Ottubru 2023 jitratta rikors għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju differenti minn dak illi ġie trattat bir-rikors għar-revoka degretat fl-għoxrin (20) ta' Diċembru 2023. Infatti mill-atti esebiti bħala **Dok B** a fol 106 *et seq* tal-proċess jirriżulta lil din il-Qorti illi d-digriet tas-sbatax (17) t'Ottubru 2023 kien jitratta rikors għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 912/2021, filwaqt illi d-digriet tal-għoxrin (20) ta' Diċembru 2023 kien jittratta l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1619/2023. Għalkemm it-tieni mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma ġiex esebit in atti, din il-Qorti tifhem illi l-mandati kienu jittrattaw l-istess mertu;

14. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda r-rikuża tal-Maġistrat Dr Joe Mifsud, din il-Qorti rat illi skont il-verbal tal-erbatax (14) ta' Marzu 2024, il-kawża bir-Rikors Nru 214/2021 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera qed tinstema' mill-

Maġistrat Dr Charmaine Galea, u mhux mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud kif allegat fir-rikors promotur[1], **b'dana għalhekk illi m'hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tordna illi l-Maġistrat Dr Joseph Mifsud jastjeni milli jiddeċiedi l-mertu tal-kawża hekk ċitata** kif qed titlob ir-rikorrenti fit-tielet talba tagħha fir-rikors promotur;

15. Fit-tieni lok, huwa paċifiku illi l-mandat kawtelatorju huwa wieħed fejn il-kwistjoni u l-mertu bejn il-partijiet għadu ma ġiex determinat, b'dana illi l-effett tiegħu għadu mhux wieħed indefinit.[2] Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrenti tista' tilmenta illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħha minn proċedura fejn għadu ma ġie stabbilit xejn b'mod definittiv. Infatti, deċiżjoni għal rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat jiġi determinat unikament fuq bażi *prima facie*, preċiżament għaliex il-mertu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għandu jiġi deċiż b'urġenza, bil-possibilta' illi jiġi deċiż *in camera* saħansitra anke mingħajr ma jiġu mismugħa l-partijiet (Art 836 tal-Kap 12);

16. Fil-kawża ***Verlagsgruppe News GmbH v. Austria*** il-Qorti Ewropea kellha quddiemha ilment illi ġie leż id-dritt tas-soċjeta' rikorrenti kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fi proċeduri anċillari għal kawża fil-mertu, u cioe fi proċeduri interlokutorji. Il-Qorti qalet:

> *The Court observes that the complaints under Article 6 of the Convention do not relate to the main proceedings, namely, the compensation proceedings, but to the decision by which it was ordered to publish a notice that proceedings under the Media Act are pending, which was taken without a hearing. The Court will therefore examine whether Article 6 of the Convention applies to this decision.*

[1] Konfermat anke mis-sistema tal-*eCourts*.

[2] Vide Rik Nru 388/2023, ***George Fenech vs Avukat tal-Istat et,*** Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ F Depasquale, 26 ta' Settembru 2024 (in ġudikat)

> *The Court has previously held that interlocutory proceedings relating to an interim injunction, in which no decision on the merits of the case is made, do not involve a determination of civil rights and obligations (see X v. the United Kingdom no. 7990/77, Commission decision of 11 May 1981, Decisions and Reports 24, p. 57; Österreichische Schutzgemeinschaft für Nichtraucher and Rockenbauer v. Austria, no.17200/91, Commission decision of 2 December 1991, unreported; Apis a.s. v. Slovakia (dec.), no. 39754/98, 13 January 2000, unreported). The Court considers that the decision at issue may be considered an interim decision as it concerned exclusively the publication of a notice that proceedings under the Media Act were pending and did not involve a decision on the merits. The Court, therefore, finds that this decision did not involve a determination of the applicant's civil rights and obligations.*

17. Fil-każ odjern il-mandati ta' sekwestru kawtelatorji jidher illi kienu in vigore sabiex jikkawtelaw pretensjoni ta' danni sofferti da parti tar-rikorrenti, b'dana għalhekk illi, essenzjalment, ir-revoka tagħhom ma kinitx sejra taffettwa d-deċiżjoni fil-mertu nnifisha, jew id-drittijiet tar-rikorrenti naxxenti minn deċiżjoni fil-mertu. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi, l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jsibux applikazzjoni f'dan l-istadju, u kwalsiasi allegazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, hija intempestiva;

18. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** t-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat tal-Istat, u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti;

19. Gialadarba qed tintlaqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari, din il-Qorti sejra tastjeni wkoll milli titratta t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat tal-Istat.

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa</u>'** t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat, b'dana illi tiddikjara illi l-kawża odjerna ġiet intavolata intempestivament; u

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a kariku tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**